L-Iskola Sekondarja ta' San Franġisk

L-Eżamijiet tal-aħħar tas-sena 2015 – 2016

Malti- Il-Letteratura – It-Tielet Sena

ISEM:

KLASSI:

INDEX: ĦIN: Sagħtejn

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

- Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitluba.
- Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajba jgħinuk biex tikseb riżultat aħjar.
- Se tingħata ħafna importanza għall-ortografija. Ortografija ħażina se ttelliflek ħafna marki.

**Għall-Użu tal-għalliema**

**Skema għall-marki**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 20 | 20 | 20 | 20 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudenta | | | | | | |

St. Francis Secondary

L-EWWEL TAQSIMA

**A.** **Poeżija-** Mistoqsijiet Ġenerali (20 marka)

Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet dwar il-poeżiji:

1. Poeżija li tkun miktuba biex tfakkar il-mewt ta' xi ħadd (Eleġija, Poe-proża , Ballata) ? ( 2 marki)
2. X'inhi r-relazzjoni bejn il-missier u l-iben fil-poe-proża 'Il-Kwiet ta' Warajja' ? (3 marki)

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

3. "Agħtina ftit mix-xemx
u mir-Rebbiegħa"

Fisser dawn il-versi. ( 3 marki )

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________________

4. Spjega x'inhu distiku li jidher fil-poeżija 'Naf Biss'? (2 marki)

St. Francis Secondary

5. Agħti t-tifsira ta' ballata, Spjega kif dan jidher fil-poeżija ( 4 marki)

6. Ir-repetizzjoni tal-konġunzjoni u fil-letteratura tissejjaħ (apokope, polisindeto, alliterazzjoni) (2 marki)
7. Għaliex taħseb li l-poeżija 'Naf Biss' jisimha hekk? (2 marki)

8. X'inhi d-differenza li wieħed jara bejn Pawla u l-kavallier fil poeżija Ballata ?

(2 marki )

St. Francis Secondary

## IT-TIENI TAQSIMA

**B. Poeżija**- IR-REFERENZA TAL-KUNTEST (20 marka)

"Jew tilef l-indirizz u f'din is-siegħa
Ma jista' jsaqsi 'l ħadd...fit-triq m'hawnx ruħ.
Jew ħabbat il-bibien u ħadd ma fetaħ.
Tibżax, papa, tibżax, imxi nfittxuh."



"Le, binti, sar il-ħin u trid tmur torqod.
Missierek jaf; tibqax tistenna għalxej'.
Iltaqa' mal-Bambin u ħadu miegħu
U issa telqu 'l bogħod 'il bogħod it-tnej"

"jekk qiegħed Miegħu nistaqsih u nsibu
Għax il-Bambin iħobbni u jgħidli fej"
"Iv' iva binti, agħlaq dik it-tieqa
Għax daħal ġmielu l-lej' u ħuk m'hux ġej."

St. Francis Secondary

Aqra sew din is-silta minn poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet:

1. X' tissejjaħ din il-poeżija ? (3 marki)

2. X'jidher bejn l-atmosfera ta' barra, u dik ta' ġewwa ? (4 marki)

3. Għaliex taħseb li l-poeżija miktuba fi stil ta' Djalogu?  (3 marki)

St. Francis Secondary

4. Kif tidher ir-relazzjoni bejn il-poeta u ta' Sara ? ( 3 marki)

5. Niżżel ewfemiżmu u spjega kif jidher f'din il-poeżija ? (4 marki)

6.Iddeskrivi l-metrika tal-poeżija (3 marki)

IT-TIELET TAQSIMA

St. Francis Secondary

**Ċ. Poeżija-** Il-Komponiment Letterarju (20 marka)

Ikteb 200 kelma dwar dan is-suġġett;

Fil-ħajja mgħaġġla tal-lum , ħafna ħsiebhom f'xogħolhom u ftit ikollhom ċans għal ta' madwarhom. Kif jiddiskutu dan il-poeti, fil-poeżiji li studjajt?

IR-RABA' TAQSIMA

**D.Is-Salib tal-Fidda** – IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST (20 marka)

Rożina xejn ma kienet moħħha fit-tiġrija. Bertu kien jinsab ħdejha, b'idejh fuq il-bardnell tal-wejla. Newlilha ittra malajr u hi tefgħetha f'ħobbha.

"Dak min hu," staqsieha b'leħen bil-kemm jinstama'.
"Dak qiegħed magħna; rabbejnieh aħna."
"Jekk jarak tkellimni jixlina lix-xiħ?"
"Ma naħsibx; imma int tħallihx jarak."
"Meta nkun nista' nkellmek?" staqsieha Bertu.

Rożina qagħdet taħsbiha ftit, imbagħad ħarset lejn Xandru biex tara kienx għadu mehdi fuq it-tiġrija u reġgħet daret lejn Bertu: "Għadni ma ħsibtx kif naqbad nagħmel biex nista' noħroġ," qaltlu.

"Min jaf kieku niġi jien id-dar?"
"Ajma j'ommi, kieku tilmħek Gerit, mhux biss missieri jkun jaf imma t-triq kollha."
"Gerit min hi?"

St. Francis Secondary

"Il-qaddejja tagħna"

"Minn ħaddieħor għandek biża' ?" qal Bertu xħin ħares lejn Xandru.

"Le, minnha biss," wieġbet Rożina.

Iżda Bertu ma kienx qed iħares lejha, u kien qed jagħmel ta' birruħu li jrid iwarrab il-luzzu minn mal-wejla biex ma jaħbtux.

1.X'atmosfera qed tidher f'din is-silta ? Għaliex Bertu u Rożina ltaqgħu fuq il-baħar ? (6 marki)

2. Min hu Bertu? Iddeskrivih (5 marki)



St. Francis Secondary

3. Kif iltaqgħu flimkien Bertu u Rożina ? Kif kienu jikkomunikaw? (4 marki)

4. Rożina, Kif bdiet tistma lil  Xandru wara li ġiet lura mill-kulleġġ ? (2 marki)

St. Francis Secondary

5.Xandru, kif kien jara r-relazzjoni ta' Bertu u Rożina ? (3 marki)

Il-ĦAMES TAQSIMA

**<u>E. Proża</u>** - Il-Komponiment Letterarju (20 marka)

Agħżel mistoqsija **Waħda** u ikteb komponiment ta' 200 kelma fuqha.

*(Il-mistoqsijiet ta' taħt il-komponiment jgħinuk twieġeb aħjar)*

1. Kif jidher il-karattru ta' Xandru tul ir-rakkont?

*(Min hu Xandru ? Kif inhi t-trobbija ta' Xandru ? Kif kienet l-atitudni tiegħu fid-dar tal-Belt u mal-familja tat-Tabib Zammit ? Kif kienu jistmgħuh in-nies li jgħixu fid-dar tat-Tabib Zammit? X' jiġrilu tul ir-rakkont ? Kif jidher bħala persuna minkejja dak li jgħaddi minnu ? Għaliex spiċċa jieħu ħtija ? )*

**JEW**

2. Fid-dar tat-Tabib Zammit joqogħdu Gerit u Karmni li huma l-qaddejja u l-koka rispettivament. Gerit kienet mara ġellieda u kien ikollha xi tgħid man-nies, Iddeskrivi l-ġlieda ta' Ċikka (il-ġara tat-tabib) u Gerit .



St. Francis Secondary

*( Min kienu Ċikka u Gerit ? Fejn kienu joqogħdu? Kif inhu l-karattru tagħhom? Kif kien jibda l-ġlied ta' bejniethom ? Semmi l-passi tal-ġlied tagħhom? X'ġara darba waħda waqt li kienu għand tal-ħaxix ? Kif spiċċat din il-ġlieda ?*

St. Francis Secondary